MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2015

Appell Civili Numru. 817/1999/2

**Raymond Sammut**

***v.***

**Anthony Micallef**

1. Dan huwa appell tal-konvenut u appell inċidentali tal-attur minn sentenza mogħtija fit-3 ta' Ottubru 2008 u sentenza oħra mogħtija fis-6 ta' Lulju 2011 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili li bihom il-konvenut instab li kellu parti mill-ħtija għal inċident li fih korra l-attur, u ġie kundannat iħallas danni ta' mitejn u erbgħa u tmenin elf, sitt mija u tmienja u erbgħin euro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€284,648.95).

2. Il-fatti relevanti huma dawn: il-partijiet kienu marru flimkien l-Eġittu fuq ġita għal kaċċa. Meta l-konvenut spara fuq tajra laqat lill-attur fil-għajn tax-xellug u b'hekk l-attur ġarrab diżabilità li ma jfieqx minnha. Billi deherlu illi l-konvenut kien jaħti għal dan l-inċident fetaħ il-kawża tallum għad-danni.

3. Bis-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2008 ("l-ewwel sentenza appellata") l-ewwel qorti iddeċidiet illi "tiddikjara kemm lill attur kif ukoll lill konvenut li kienu responsabbili għall-inċident *de quo* iżda t-tort huwa tliet kwarti għall-konvenut u kwart għall-attur", wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

> "Dina l-kawża tirrigwarda inċident li gara fit 2 ta' Diċembru 1997 meta l-attur kien qiegħed l-Eġittu għal ġita tal-kaċċa ma' Maltin oħra, u safa milqut f'għajnu x-xellugija minn ċomb li gie sparat mis-senter tal-konvenut. Bħala konsegwenza ta' dana l-inċident, l-attur sofra disabilità permanenti.
>
> "<u>Kontestazzjoni</u>
>
> "Mhux kontestat li l-attur intlaqat b'ċomba sparata mis-senter tal-konvenut.
>
> "L-attur isostni li l-inċident ġara minħabba imperizija u negliġenza da parti tal-konvenut li ma ħax dawk il-miżuri l-aktar basiċi ta' prevenzjoni

biex ma jisparax fil-baxx u jolqot kaċċaturi oħra. Il-konvenut hu kaċċatur ta' esperjenza, u ma kinitx l-ewwel darba li mar għal ġita simili l-Eġittu. Huma kienu ngħataw struzzjonijiet ċari dwar kif jikkaċċaw u kienu jaf bil-posizzjoni ta' xulxin waqt il-kaċċa. Il-konvenut kellu għalhekk l-obbligu li qabel jispara jkun ċert lejn xiex kien qed jispara u allura jara li jista' jagħmel dana b'sigurtà għalih u għal ħaddieħor. L-attur isostni li f'dan il-każ ma kienx hemm ħtija kontributorja da parti tiegħu u lanqas ma japplika l-prinċipju *volenti non fit injuria*.

"Il-konvenut min-naħa l-oħra jikkontendi li dan kien inċident sfortunat u straordinarju li ma kienx prevedibbili u seta' ġara lil kulħadd. Igħid li hu ma kienx spara fid-direzzjoni tal-attur; anzi dana kien maġenbu u ċ-ċomba laqtitu b'kumbinazzjoni. Il-konvenut għalhekk isostni li l-attur ma ppruvax il-każ tiegħu ċjoè li l-konvenut kellu tort għal dak li ġara. Anzi, il-konvenut jasal biex igħid li l-attur stess kien negliġenti billi dana fil-mument kruċjali meta kien jaf li l-konvenut kien se jispara neħħa n-nuċċali prottettiv biex jogħrok għajnejh u lanqas daħal jistkenn wara d-dura jew dawwar wiċċu n-naħa l-oħra. Il-konvenut isostni li almenu żgur li kien hemm ħtija kontributorja u f'dan il-każ japplika l-prinċipju *volenti non fit iniuria* billi l-attur bħala kaċċatur ta' esperjenza kien jaf li l-kaċċa fiha element ta' riskju, u aċċetta dak ir-riskju meta mar għal kaċċa bil-lejl. *Inoltre* l-attur kien jaf li kienet se ssir sparatura għaliex innota ċ-ċafċif tal-papra u ra d-dawl jixgħel u ra l-istess sparatura iżda naqas li jilbes in-nuċċali fil-mument perikuluż tal-kaċċa. Għalhekk għandu jirriżulta li l-attur ma ħax il-prekawzonijiet meħtieġa fiċ-ċirkostanzi u aċċetta dan il-perikolu.

"<u>Konsiderazzjonijiet</u>

"Bħala fatti jirriżulta li grupp Maltin fosthom l-attur u l-konvenut kienu marru għal kaċċa l-Eġittu. Il-ġita kienet ġiet organizzata minn Malta u fl-Eġittu l-Maltin kienu akkumpanjati u kkaċċaw taħt id-direzzjoni ta' persuni mill-Eġittu li ħadu ħsiebhom u indikawlhom fejn kellhom imorru jikkaċċaw. L-inċident ġara meta kienet qed issir il-kaċċa għal papri filgħaxija u l-konvenut spara fuq papra u b'ċomba minnhom laqat lill-attur f'għajnejh.

"L-attur isostni li l-inċident ġara għax il-konvenut spara fil-baxx u laqtu meta huma kellhom struzzjonijiet biex ma jisparawx fil-baxx u ma ħax il-prekawzjonijiet soliti meta kien jaf li kien hemm kaċċaturi oħra ma-ġenbu. Il-konvenut *invece* jgħid li ma kellhomx struzzjonijiet biex ma jisparawx fil-baxx u jgħid li fil-każ tal-papri bil-lejl bil-fors trid tispara fil-baxx meta dina tagħmel iċ-ċafċifa fl-ilma li biha wieħed jinduna li hemm il-papra. Il-konvenut igħid li l-struzzjonijiet li kellhom kienu li jilbsu n-nuċċali protettiv kontra l-isparar taċ-ċomb.

"Dwar dana l-punt, apparti li l-partijiet interessati ma jaqblux bejn-iethom, anke x-xhieda li ġew prodotti minnhom, min igħid ħaġa u min igħid oħra.

"Huwa stabbilit b'liġi espressa, illi kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu. Infatti hu in kolpa min ma jużax il-prudenza, diliġenza u

attenzjoni ta' *bonus paterfamilias* abbinat ma xi ksur ta' xi dmir impost mill-liġi, artikoli 1032 u 1033 tal-Kodiċi Ċivili.

"Naturalment biex ikun hemm lok għad-danni jeħtieġ li wieħed seta' ppreveda d-disgrazzja li kkaġunat id-dannu. Din il-prevedibilità trid tkun ta' probabilitajiet raġonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili.

"Huwa mistenni illi l-prudenza, diliġenza u attenzjoni ma tonqos qatt u tigi eżerċitata dejjem, partikolarment u ċertament fi grad ogħla minn min f'idejh għandu arma tan-nar, anke jekk għall-passatemp jew biex jissodisfa x-xewqa tal-i*sport* favorit tiegħu. Kaċċatur jista' jkun responsabbli f'għemilu jekk huwa:-

"(a) jispara meta quddiemu u fil-viżwali tiegħu jeżistu ostakoli u ostruzzjonijiet ta' siġar, ħaxix u ħitan;

"(b) jispara bla ma jara u jqis fejn ser jasal it-tir;

"(ċ) jispara fl-abitat, toroq, kif hekk jissanzjonaw ir-regolamenti;

"(d) jispara qabel ma jħares sewwa madwaru;

"(e) jispara fil-passjoni tal-mument mingħajr ma jippondera u jifli sew l-azzjoni tiegħu (ara sentenza App. PS Agius *v.* Fenech 29/10/2003).

"Kif ġie ritenut fid-deċiżjoni fl-ismijiet Carmelo Grech *et v.* Benedetto Camilleri *noe* App. Ċiv. 14 ta' Diċembru 1979, rigwardanti azzjoni għad-danni kaġonati minn senter waqt kaċċa:-

> ""Illi fil-fehma tal-qorti, arma tan-nar bħas-senter in kwistjoni hi oġġett inerentement perikoluż. Bl-akbar faċilità tista' toqtol, tferi jew tiddanneġġja. Bħala regola, aktar ma tkun kbira l-potenzjalità tal-perikolu tal-oġġett użat, akbar għandha tkun id-diliġenza u l-prudenza ta' min juża l-istess oġġett: l-utent ta' arma tan-nar għandu juża l-akbar grad ta' diliġenza. Diversament, is-sikurezza u l-inkolumità ta' terzi tiġi serjament preġudikata."

"Fil-każ in eżami, bl-istruzzjonijiet u mingħajrhom, jibqa' li kien dejjem perikoluż ħafna li wieħed jispara fil-baxx u fl-ilma meta f'dan il-każ skond il-konvenut huwa kien jaf li l-ilma kien baxx u kien hemm ġebel ħiereġ minnu (ara xiehda konvenut *a fol.* 161). Dan ifisser li hu seta' jipprevedi li meta jispara, mill-mija u ħamsin ċomba li jgħid li kellu fl-iskartoċċ xi waħda tista' tolqot il-ġebla u tiġi rikoxxetted. Hu fih innifsu perikoluż li tispara fil-baxx meta taf li hemm ħaddieħor madwarek u faċċata tiegħek. Dan kollu iktar u iktar meta qed tispara fid-dlam jew bi ftit dawl. Il-konvenut igħid ukoll li hu ma jafx kif spiċċa ċ-ċomb meta miss l-ilma (ara *fol.* 188).

"Jirriżulta mix-xiehda tal-istess konvenut li hu ma kienx jaf minn liema direzzjoni kienet ġejja l-papra (ara *fol.* 188) għax kien id-dlam u meta l-papra messet l-ilma huwa spara għaliha. Dana ġara f'affari ta' ftit sekondi u skond hu ma kellux *chance* joqgħod jara kif kienu posizzjonati l-oħrajn. Il-konvenut però kien jaf li madwaru kien hemm kaċċaturi oħrajn.

"Għalhekk il-qorti hi tal-fehma li l-konvenut kien responsabbili għall-inċident billi huwa spara fil-baxx mingħajr ma ħa l-prekawzzjonijiet rikjesti f'dawk iċ-ċirkostanzi billi spara mingħajr ma ta każ tas-sigurtà tiegħu innifsu u ta' ħaddieħor.

"Każ fortuwitu

"Il-konvenut isostni li dan kien inċident sfortunat u straordinarju li ma kienx prevedibbili u seta' ġara lil kulħadd; għalhekk hu ma kellu ebda tort.

"Il-qorti tirreferi għal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet Paul Vassallo *et v.* Carmelo Pace mogħtija fil-5 ta' Marzu 1986 (Qorti ta' l-Appell, Vol. LXX.ii.143) fejn intqal li:

> ""… min jallega li dak li ġara kien dovut għal *inevitable accident ...*, fejn qed jgħid li dak li ġara kien dovut għal *casus* għandu l-obbligu li jippruvah. Dan il-prinċipju ... ġie meħud mid-dottrina u ġurisprudenza ingliża. L-awtur Charlesworth, *The Law of Negligence*, paġna 512, josserva: '*The burden of proof of inevitable accident is upon the defendant or the other person setting it up'*."

"L-artikolu 1029 Kap. 16 jipprovvdi li:

> ""Kull ħsara li tiġri b'aċċident jew b'forza maġġuri, ibatiha, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-liġi li tgħid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tiegħu tiġri l-ħsara."

"Hi ġurisprudenza paċifika illi l-każ fortuwitu ma jeħlisx mir-respons-abilità għad-danni jekk ikun preċedut minn ħtija ta' min ikkaġuna d-danni. Ara Caterina Bezzina *v.* Giorgio Grech *et*, Prim'Awla, Qorti Ċivili, 7 ta' Ġunju 1938.

"Il-kunċett tal-każ fortuwitu jew forza maġġuri ma jseħħx meta għall-ħsara jkun ikkontribwixxa l-fatt, positiv jew negativ, tal-bniedem. Skond il-prinċipju tad-dritt, biex ikun hemm il-każ fortuwitu mhux biżżejjed li jkun avveniment insolitu, sproporzjonat, u li jkun prodott mill-forzi tan-natura, imma jeħtieġ li jkun inevitabili, b'mod li ma jistax jiġi evitat bid-diliġenza ordinarja tal-*bonus paterfamilias*.

""Ċertament persuna ma tistax sempliċement tistrieħ fuq il-każ fortuitu jew stat ta' neċessità jew forza maġġuri biex tiskolpa ruħha mill-ħtija meta teżisti l-kolpa anteċedenti" (ara deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Appell f'kawżi simili ta' danni minn arma tan-nar waqt kaċċa, Carmela Fenech *et v.* Antonio Galea, 24 ta' Mejju 1954, u Mikiel Refalo *et v.* Pawlu Curmi, 13 ta' Jannar 1988).

"Fil-każ in eżami l-qorti ma tistax tgħid li ma kienx hemm kolpa anteċedenti tal-konvenut billi diġà ġie deċiż li hu kien negliġenti u imprudenti meta spara fl-ilma u fil-baxx u fid-dlam meta kien jaf li kien hemm kaċċaturi oħra maġenbu u li ċ-ċomb (150 waħda f'skartoċċ) sparat mis-senter seta' jmur f'aktar minn direzzjoni waħda u nfirex b'perikolu għal ta' madwaru.

"*Volenti non fit iniuria*

"Il-konvenut jikkontendi li f'dan il-każ japplika l-prinċipju magħruf bħala *volenti non fit iniuria* billi l-attur bħala kaċċatur ta' esperjenza kien jaf li

l-kaċċa fiha element ta' riskju, aċċetta dak ir-riskju meta mar għal kaċċa bil-lejl.

"Il-qorti tirreferi għas-sentenza fl-ismijiet <u>Paul Vassallo *et v.* Carmelo Pace</u> fejn intqal li:

> ""B'riferenza għall-prinċipju *volenti non fit iniuria*, iċ-Charlesworth, *Law of Negligence*, paġna 498, josserva:
>
> > ""'*A person who makes an agreement with another, either expressly or by implication, to run the risk of injury caused by that other, cannot recover for damage caused to him by any of the risks he agreed to run';*
>
> ""Il-massima hija *volenti non fit iniuria* u mhux *scienti non fit iniuria.* Kif igħid iċ-Charlesworth*, op. cit. p*aġna 498*:*
>
> > ""'*… the first point is that the Courts will not find the existence of an implied agreement unless the person who is alleged to have made it had full knowledge of the nature and extent of the risk to be run. The other point is that although plaintiff had full knowledge of the nature and extent of the risk and, with that knowledge, in fact incurred it, he will not be prevented from recovering unless the circumstances are such as to show that incurring the risk he did it on the terms that the loss should fall on him and not on some other person. This is because, as has often been pointed out, the maxim is* volenti non fit iniuria *and not* scienti non fit iniuria*. Knowledge of the risk is therefore only one of the elements which has to be taken taken into account in deciding whether the inference that the plaintiff agreed to take the risk upon himself can be drawn*'."

"Fil-każ in eżami jirriżulta mill-provi li dina kienet l-ewwel darba li l-attur kien mar għal kaċċa l-Eġittu. Jirriżulta wkoll li huwa kien mar ma' ġita li kienet organizzata professjonalment u provvista bil-liċenzji kollha neċessarji u kienu taħt direzzjoni ta' gwida ta' persuni barranin tas-sengħa. *Inoltre* għalkemm jirriżulta li l-attur kien jaf li sejjer għall-kaċċa li fih innifsu huwa riskjuż aktar u aktar meta jsir bil-lejl, iżda dejjem kien akkumpanjat bi gwidi professjonali. Ma jirriżultax li kien hemm xi ftehim, espress jew impliċitu, li l-attur kien se jassumi r-responsabbilità għal dak li seta' ġara, anke bi traskuraġni ta' ħaddieħor. Għalhekk il-qorti hi tal-fehma li f'dana l-każ il-prinċipju fuq imsemmi ma japplikax.

"<u>Ħtija kontributorja</u>

"Il-konvenut isostni wkoll li anke jekk ma japplikax dana l-prinċipju l-istess kien hemm ħtija kontributorja da parti tal-attur għax dan kien negliġenti billi fil-mument kruċjali meta hu kien jaf li l-konvenut kien se jispara neħħa n-nuċċali prottettiv biex jogħrok għajnejh u lanqas daħal jistkenn wara d-dura jew dawwar wiċċu n-naħa l-oħra.

> ""*Negligence depends on a breach of duty, whereas contributory negligence does not. Negligence is a man's carelessness in breach of duty to others. Contributory negligence is a man's carelessness in looking after his own safety. He is guilty of contributory negligence if he ought reasonably to have foreseen that, if he did not act as a reasonable prudent man, he might hurt himself.*" (Buckley*, The Modern Law of Negligence;* App. <u>Camilleri *v.* Direttur Edukażzjoni</u> 11/12/2006).

> "Fil-każ in eżami l-qorti tħoss li kieku l-attur kellu n-nuċċali protettiv meta nqala' l-inċident forsi l-inċident seta' jiġi evitat jew inkella għall-anqas l-konsegwenzi setgħu ma kinux ikunu daqshekk serji. L-attur isostni li hu ntlaqat mhux biss f'wiċċu iżda ċ-ċomb laqat il-qasab li kien moħbi warajh, mal-ħwejjeġ u fuq idejh. Dan ifisser li hu ma ntlaqtx b'ċomba waħda kif il-konvenut irid jagħti x'jifhem fis-sens li kienet ħaġa straordinarja. Min-naħa tiegħu l-konvenut igħid li hu ma rax ċomb ieħor fuq l-attur u hemm xhieda oħra li jgħidu l-istess. Fuq dana l-qorti tħoss li aktar li seta' jgħid x'laqtu kien l-attur u mhux ix-xhieda l-oħra li wara kollox ma kinux miegħu meta ntlaqat u kollox sar fid-dlam u mhux li tgħid li ma rajtx ċomb ieħor u x'laqat lill-attur.
>
> "Il-qorti tikkonkludi però li l-attur ma ħax ħsieb kompletament tas-sigurtà tiegħu nnifsu billi messu qagħad aktar attent meta seta' jissoponi li xi ħadd kien se jispara u għalhekk kellu jżomm in-nuċċali fuq għajnejh. Iżda l-ħtija tal-attur hija ħafna inqas serja minn dika tal-konvenut li kienet il-kawża prinċipali tal-inċident. Il-ħtija għalhekk se tiġi maqsuma kwantu għal tliet kwarti għall-konvenut u kwart għall-attur."

4. Il-konvenut appella minn din is-sentenza b'rikors tat-23 ta' Ottubru 2008, iżda, billi l-konvenut ma kienx mexa kif irid l-art. 231 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, din il-qorti b'sentenza tal-20 ta' Jannar 2009 iddikjarat illi dak l-appell ma kienx jiswa, bla ħsara għad-dritt tal-konvenut illi jerġa' jressaq l-appell.

5. Bis-sentenza mbagħad tas-6 ta' Lulju 2011 ["it-tieni sentenza appellata"] l-ewwel qorti illikwidat is-sehem tad-danni li għalih għandu jagħmel tajjeb il-konvenut fis-somma ta' mitejn u erbgħa u tmenin elf, sitt mija u tmienja u erbgħin euro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€284,648.95) u ikkundannat lill-konvenut iħallas dawk id-danni lill-attur, b'dan illi l-ispejjeż jinqasmu tlieta minn erbgħa (¾) fuq il-konvenut u sehem minn erbgħa (¼) fuq l-attur. L-ewwel qorti waslet għal din il-konklużjoni wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

> "D2. *Damnum Emergens*:

"A. L-Awtorità Marittima, fl-ittra tagħha tal-21 ta' Frar 2000 ikkonfermat li l-attur, minħabba l-korriment li ġarrab, ma daħalx għax-xogħol mid-9 ta' Diċembru 1997 sat-18 ta' Novembru 1998. Ronald Fleri, rap-preżentant tal-istess awtorità, għamel eżerċizzju billi qabbel lill-attur ma' ħaddiem ieħor fil-*Port Worker Scheme* sabiex jistabilixxi t-telf li sofra l-istess attur. Mid-dokument jirriżulta li Sammut daħħal Lm5,855.90 waqt li ħaddiem ieħor daħħal Lm14,233.38 u *cioè* differenza ta' Lm8,377.48. ... … …

"B. Xogħol ta' *lashing*; dan mhux kompriż taht "A". Minħabba li l-attur kien korra, m'għamilx xogħol ta' *lashing* fiż-żmien ta' bejn is-16 ta' Frar 1998 sal-1 ta' Marzu 1998, it-8 ta' Ġunju 1998 sal-21 ta' Ġunju 1998 u bejn it-28 ta' Settembru 1998 sal-11 ta' Ottubru 1998. Dawn jammontaw għal xi Lm3,900.

"Ċ. Spejjeż, ċertifikati mediċi (Lm78.21), u passaġġi tal-ajru tal-mara tiegħu (total ta' Lm859) meta l-attur mar għall-kura l-Ingliterra; … … …

"Għaldaqstant id-danni emerġenti jammontaw għal Lm13,214.69 *ossia* €30,781.94.

"<u>D3. *Lucrum Cessans*</u>:

"… … … il-qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat, u dak it-telf ta' qligħ futur, *ossia lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant.

"Fil-każ in eżami, mill-formoli FS3 tal-*Income Tax* għas-snin ta' bejn 1996 sa 2009 jidher li s-salarju gross tal-attur

"fl-1996 kien Lm11,911:

"fl-1997 kien Lm11,429;

"fl-1998 kien Lm6,777.98;

"fl-1999 kien Lm14,449;

"fl-2000 kien Lm14,329;

"fl-2001 kien Lm19,011;

"fl-2002 kien Lm19,930;

"fl-2003 kien Lm23,426;

"fl-2004 kien Lm24,304;

"fl-2005 kien Lm24,635;

"fl-2006 kien Lm23,629;

"fl-2007 kien Lm26,996;

"fl-2008 kien €60,900;

"fl-2009 kien €58,816.

"Jiġi osservat ukoll li l-attur ma jitħallasx salarju iżda jirċievi introjtu skond ix-xogħol li jkun għamel. *Inoltre*, dan jinkludi *overtime*, li

naturalment huwa prerogattiva tal-*employer* iżda hemm diversi sentenzi li jqisu li l-qorti għandha tieħu *average* tal-*overtime* matul is-snin.

“Jingħad ukoll li normalment il-qorti tqis il-paga li kien jipperċepixxi l-vittma u żżid magħha ammont raġjonevoli għall-għoli tal-ħajja jew permezz tal-*cost of living increase* jew altrimenti permezz ta' persentaġġ ... ... ...

“Anqas għandu l-attur jippreġudika l-posizzjoni tiegħu bil-fatt li baqa' jaħdem u jaqla' bħal qabel u possibbilment aktar. Il-fatt li korra possibbilment tellfu mill-possibbiltà ta' xogħol aktar lukrattiv għax infatti diżabilità neċessarjament timplika nuqqas fil-persuna fil-potenzjal tagħha għax-xogħol, possibbilment ma' terzi.

“L-attur talab ukoll li jiġi ikkunsidrat id-dħul tiegħu mil-*lashing*, u verament irriżulta dħul ta' ċirka Lm3,900 matul l-1998, iżda dan l-ammont mhux inkluż fuq il-formola tal-*Income Tax FS3* u l-qorti ma tistax tqis li dawn il-flus kienu jidħlu b'mod regolari u b'ċertezza kull sena meta m'humiex indikati fuq il-prospett tat-taxxa. Il-qorti tħoss illi l-allegati *post tax additions* huma metodu ta' kif l-attur kien qiegħed idaħħal xi flus mingħajr ma jħallas taxxa fuqhom u, jekk jiġu inklużi u konsiderati minn din il-qorti, hija tkun qed tkun komparteċipi f'kalkolu bbażat fuq att illeċitu. Anqas ma l-qorti għandha tassisti jekk flus ma ġewx dikjarati kif suppost. Dan iwassal lill-qorti biex ma tqisx dawn il-*post tax additions* għall-iskop tal-komputazzjoni. Ukoll, id-deposizzjoni tirreferi għas-sena 1998 u mhux għal snin oħra u l-qorti m'għandhiex prova li dawn il-flus derivati mil-*lashing* kienu jidħlu regolarment. Qed jiġu milqugħa fil-każ tad-*damnum emergens* riferibbilment għaż-żmien in kwistjoni, minħabba d-deposizzjoni ta' Victor Spiteri li xehed fuq dak iż-żmien partikolari.

“Wara li l-qorti qieset il-fatturi kollha involuti, li f'dan il-każ partikulari hemm ħafna aspetti li jinfluenzaw id-deċiżjoni, inkluż l-għoli tal-hajja, il-figura li għandha tapplika għall-medda tas-snin hija dik ta' €60,000.

“<u>D4. *Multiplier*</u>:

“... ... ... mhux dejjem ittieħdet l-istess linja ta' *multiplier*. Żgur li ripetutament ġie enfasizzat li s-sistema ta' *multiplier* kif konċepita ma tiħux in konsiderazzjoni l-aspettattiva tal-ħajja lavorattiva fit-totalità tagħha.

“Il-qorti tħoss li hemm bżonn ta' ċertu uniformità f'dan l-aspett li naturalment igħin biex wieħed ikun jaf minn qabel kriterji regolari. Huwa veru li kull każ trid tarah għalih iżda li jkun hemm skeda li l-konsulenti legali u ditti ta' *insurance* jkunu jistgħu jirreferu għaliha tkun ta' utilità kbira. Għalhekk il-qorti kif presjeduta sejra tuza ċ-*chart* hawn taħt»

| Età Vittma | *Multiplier* Massimu |
|---|---|
| 0 - 15 | 40 |

| | |
|---|---|
| 16 - 20 | 37 |
| 21 - 25 | 35 |
| 26 - 30 | 30 |
| 31 - 35 | 25 |
| 36 - 40 | 20 |
| 41 - 45 | 15 |
| 46 - 50 | 13 |
| 51 - 55 | 11 |
| 56 + | 5 jew anqas |

"Wara li l-qorti qieset li l-attur twieled fit-12 ta' Jannar 1962 u għalhekk fid-data tal-inċident u *cioè* fit-2 ta' Diċembru 1997 kellu 35 sena, il-*multiplier* li għandu jkun użat skond l-iskeda ta' hawn fuq huwa ta' 25.

"<u>D5. Diżabilità</u>:

"Hawnhekk il-qorti trid tqis il-persentaġġ ta' diżabilità li ssofri l-vittma bħala konsegwenza tal-inċident, b'mod li tqis in-nuqqas fl-*individual industrial efficiency* tal-attur. ... ... ...

"Issa, hu ċar ukoll li a bażi tal-liġi tagħna kwantifikazzjoni tad-danni bil-fors tibqa' f'latudini wiesgħa u diskrezzjonali tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, u għalkemm jeżistu prinċipji dawn ċertament ma humiex assoluti. ... ... ...

"... ... ...

"*Personal injuries* huma normalment klassifikati fi tliet kategoriji u cioè:

"a) *total wreck cases* fejn tirriżulta inkapaċità kompleta għax-xogħol (*e.g. severe brain injury*),

"b) *partial wreck cases* fejn il-persuna kollha tkun affettwata iżda b'differenza mill-kategorija preċedenti tibqa' l-kapaċità li taħdem u tgawdi l-ħajja (*e.g. brain injuries resulting in personality change and multiple injuries with grave disfigurement*),

"ċ) telf ta' partijiet speċifiċi tal-ġisem.

"... ... ...

"Mir-rapport mediku ta' Dr Mario Tabone jirriżulta li d-diżabilità preżenti tal-attur (effiċjenza viżiva industrijali) hija ta' 25%.

"Il-konvenut jikkontesta din il-figura tal-espert mediku. Hu jsostni li din mhix konformi ma' diversi sentenzi u jagħmel referenza għal xi wħud. Jasal għal konklużjoni żbaljata li d-diżabilità hija ta' 6.25% u dan kif ser jiġi spjegat hawn taħt.

"<u>Debilità f'għajn waħda</u>

"Id-debilità globali għandha tinħdem skond formula li kienet approvata mill-Qorti ta' l-Appell f'sentenza mogħtija fl-4 ta' Diċembru 1998 *in re* <u>Gasparre Xuereb *v.* Sammy Meilaq *et nomine*</u>. Dik il-formula tqis illi,

billi l-għajn it-tajba tagħmel tajjeb għan-nuqqas fl-għajn il-korruta, id-debilità globali ma għandhiex tinħadem bħala medja sempliċi bejn l-effiċjenza rispettiva tal-għajnejn, iżda l-effiċjenza tal-għajn it-tajba għandha tingħata piż ta' tliet darbiet aktar minn dik tal-għajn korruta. Il-formula tinhadem hekk: (($t$ × 3) + ($k$ × 1)) ÷ 4 fejn $t$ hija l-effiċjenza tal-għajn it-tajba u $k$ hija l-effiċjenza tal-għajn il-korruta.

"... ... ...

"Fil-każ in eżami jekk wieħed japplika l-imsemmija formula wieħed irid jimxi kif ġej:

"L-espert mediku ikkonkluda li t-telf ta' vista tal-għajn korruta weħidha hi 98%. Għalhekk:

"(2 x 1) + (100 x 3) = 302 ÷ 4 = 75.5%.

"L-hekk imsejħa effiċjenza viżiva industrijali tal-attur hi 75% u din hija l-figura li din il-qorti sejra tapplika f'dan il-każ.

"D6. *Lump Sum Payment*:

"L-ammont dovut ikun irid jitnaqqas minħabba l-*lump sum payment* b'ammont ekwivalenti għal 20% meta jkun għadda żmien qasir mill-event dannuż u s-sentenza finali. Fil-kawża Caruana *v.* Camilleri, PA 5 ta' Ottubru 1993, il-qorti ħasset li minn dan għandu jonqos xi 2% għal kull sena ta' dewmien. Ġie wkoll propost li m'għandux awtomatikament jitnaqqas skond kemm iddum il-kawża: "jekk id-danneġġant ma jkollux ħtija fid-dewmien tal-kawża, m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-*lump sum deduction*" – Agius *v.* Fenech, 29 ta' Ottubru, 2003.

"... ... ...

"Iżda għall-każ in eżami l-inċident gara fit-2 ta' Diċembru 1997 u s-sentenza qed tingħata tlettax-il sena u nofs wara. Fil-fehma tal-qorti jrid ikun hemm tnaqqis ta' 7%.

"D7. Likwidazzjoni tal-ammont ta' *lucrum cessans*:

"Għalhekk il-qorti trid issa tillikwida l-ammont dovut.

"I. Il-qligħ medju annwali tal-attur [€60,000] inkluż l-għoli tal-ħajja ;

"II. irid jitqies *multiplier* ta' 25. Dan iġib l-ammont ta' €1,500,000;

"III. il-qorti trid tqis il-grad ta' disabilità li f'dan il-każ hu ta' 25% u għalhekk jammonta għal €375,000;

"IV. wara jrid jitnaqqas 7% tal-*lump sum payment* u dan iwassal għal bilanċ ta' €348,750;

"… … …

"Ma' dan l-ammont irid jiżdied l-ammont ta' *damnum emergens* li għalhekk jammonta għal (€348,750 + €30,781) u *cioè* €379,531.94. Iżda dwar responsabbiltà ġie deċiż li l-konvenut hu responsabbli għal tliet kwarti u *cioè* €284,648.95.

"D8. Imgħax:

"L-attur talab l-imgħax skond il-liġi.

> "… … …
>
> "… … … il-prinċipju generali hu li *in illiquidis non fit mora* għax l-imgħax għandu jgħaddi biss minn meta l-ammont huwa ċert, likwidu u skadut għalkemm teżisti l-possibilità li dak il-prinċipju jkun temperat fejn tkun ovvja l-assunzjoni ta' responsabilità għall-ħlas tad-danni u fejn allura n-nuqqas ta' likwidità tkun tirreferi għall-ammont pretiż, u mhux għall-aċċettazzjoni tar-responsabilità għall-ħlas tiegħu.
>
> "E. Konklużjonijiet:
>
> "Għal motivi fuq imsemmija tiddikjara lill-konvenut responsabbli għal tliet kwarti tad-danni li ġarrab l-attur;
>
> "Tillikwida d-danni tal-attur fl-ammont ta' €284,648.95."

6. Il-konvenut appella minn din is-sentenza b'rikors tal-25 ta' Lulju 2011 li għalih l-attur wieġeb b'appell inċidentali fit-12 ta' Awissu 2011. Il-konvenut imbagħad wieġeb għall-appell inċidentali tal-attur fit-2 ta' Settembru 2011.

7. Iż-żewġ partijiet appellaw kemm mill-konklużjoni tal-ewwel qorti dwar responsabilità – il-konvenut igħid illi ma kienx jaħti u l-attur igħid illi ma kienx hemm ħtija kontributorja min-naħa tiegħu – u kemm mil-likwid-azzjoni tad-danni. Il-qorti sejra tqis l-ewwel il-kwistjoni ta' respons-abilità.

8. L-aggravji tal-konvenut dwar responsabilità huma (i) illi ma kien hemm ebda nuqqas min-naħa tiegħu; (ii) illi l-inċident seħħ b'*casus*; (iii) illi l-ewwel qorti naqset milli tapplika r-regola illi *volenti non fit iniuria*; u, bla ħsara għall-aggravji l-oħra, (iv) illi, f'kull każ, il-ħtija kontributorja tal-attur kienet ogħla minn kemm qalet l-ewwel qorti. L-aggravju tal-attur huwa illi ma kienx hemm ħtija kontributorja min-naħa tiegħu.

9. Il-konvenut igħid illi ma kien hemm ebda nuqqas min-naħa tiegħu għax:

> "... ... ... l-isparar għall-papri, l-i*sport* li kienu qed jipprattikaw il-partijiet u li kien jiġi tipikament prattikat bil-lejl, kellu jsir tabilfors fil-baxx u dana ġie konfermat minn numru ta' xhieda prodotti u mhux kontradetta mill-appellat. Mario Spiteri mressaq mill-attur ikkonferma li "ma kienx hemm ftehim kif kelna nisparaw. Ma kienx hemm ftehim fuq sparar fil-baxx. Bil-fors fil-baxx trid tispara. Meta wieħed jixgħel id-dawl aħna nkunu nafu fejn qegħdin u ma jkunx hemm biża' minn wieħed għal ieħor". In kontro-eżami sostna li "aħna fil-baxx nisparaw. Ma kien hemm l-ebda ftehim li ma nisparawx fil-baxx inkella tmur għal ta' xejn". Raymond Thorton prodott mill-attur in eżami kkonferma l-istess ħaġa: "il-ftehim li kellna kien li kulħadd juża n-nuċċali. Ma kienx hemm ftehim kif kelna nisparaw" u żied igħid in kontro-eżami "aħna meta tinżel il-papra nisparaw fil-baxx u ġol-ilma". Di fatti l-isparar, skond il-prassi ta' dan il-passatemp, kellu jsir fil-baxx għaliex huwa biss malli l-papra tolqot l-ilma li l-kaċċatur jista' jinnota l-presenza tagħha u jimmira meta tkun fil-wiċċ tal-ilma. *Inoltre* l-kaċċa għal dawn il-papri kellha min-natura tal-passatemp innifsu tiġi pratikata bil-lejl u ħadd mill-kaċċaturi ma seta' jara lill-ieħor fid-dlam, u proprju għalhekk kull wieħed mill-kaċċaturi kellhom struzzjonijiet biex jistkennu wara d-dura tagħhom u jilbsu n-nuċċali protettiv.
>
> "Illi ma tressqet ebda prova li l-esponent, fil-*modus operandi* tiegħu waqt li kien qed jispara, ma mexiex mal-prassi u l-mod kif dan il-passatemp jiġi eżerċitat jew inkella mal-istruzzjonijiet mogħtija lill-kaċċaturi, u għalhekk kuntrarjament għal dak li qalet l-ewwel onorabbli qorti fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-passatemp, li huwa differenti mill-kaċċa li ssir fid-dawl jew inkella għal għasafar li jkun jtiru fis-sema, ma jistax jingħad illi l-esponent kien negliġenti jew inkella li ma ħax il-prekawzjonijiet rikjesti. ... ... ...
>
> "Illi fil-fatt ma setax l-esponent possibilment jara li l-appellat, fil-mument li kien ser jispara, kien ħareġ mid-dura, *multo magis* li kien bl-aktar mod negliġenti neħħa n-nuċċali protettiv. Infatti l-inċident ġara meta kien dalam u dawl ta' qamar ma kienx hemm u fil-fatt il-kaċċaturi kellhom jużaw id-dawl tat-*torch* tagħhom biex jisparaw. Id-dawl kien jinxtegħel biss mill-kaċċaturi meta jinstema' l-ħoss ġewwa l-ilma u biex jimmiraw lejn il-papra. Kien għalhekk ferm diffiċli li, jekk kaċċatur ma jixgħalx id-dawl tiegħu, kaċċatur ieħor ikun jista' jkun jaf fejn qiegħed, aktar u aktar meta tqis li l-kaċċaturi kienu f'distanza ta' madwar 50 metru wieħed minn ieħor. Il-viżwali bil-lejl u bla qamar hija ridotta għal kważi xejn, aktar u aktar meta persuna tkun tant bogħod minn oħra. Anke meta jinxtegħel id-dawl xorta waħda min ser jispara ma jarax lill-kaċċaturi l-oħrajn għaliex id-dawl ikun biss immirat fuq il-papra. Il-fatt waħdu li l-kaċċaturi kienu ħadu miżuri ta' sigurtà bħal *safety glasses* u jistkennu wara dura magħmula apposta juri biċ-ċar illi l-kaċċaturi kellhom jieħdu

> kura tagħhom infushom għaliex l-ambjent kif ukoll il-passatemp partikolari kienu fihom infushom u min-natura tagħhom risjkużi.«

10. L-isparar kien isir fid-dlam. Il-kaċċaturi kienu joqogħdu mbiegħda minn xulxin xi ħamsin metru madwar għadira. Hekk kif jinstema' ċafċif fuq il-wiċċ tal-ilma, li jfisser illi niżlet papra fuq il-wiċċ, il-kaċċatur jixgħel *torch* biex ikun jista' jara l-papra u jimmira, u jispara fuq il-papra hekk kif din tkun għadha fuq il-wiċċ tal-ilma jew bdiet ittir. Ġara illi, billi l-għadira ma kinitx fonda u kien hemm ukoll xi blat jew ġebel fiha 'il fuq mill-wiċċ, hekk kif il-konvenut spara, billi spara fil-baxx, xi ċomb ħabat mal-blat u b'*ricochet* tar fuq l-attur u laqtu.

11. Dan kollu juri illi li tispara fil-baxx, fejn il-possibilità ta' *ricochet* hija għolja, hija ħaġa perikoluża, aktar u aktar meta dan tagħmlu fid-dlam.

12. Ir-riskju kien forsi jkun aċċettabbli bħala xi ħaġa inevitabbli li kieku l-attività riskjuża kienet waħda ta' utilità ekonomika jew soċjali. Ma jistax iżda jingħad illi sparar fuq papri huwa attività ta' dan it-tip, u għalhekk titlob livell ogħla ta' għaqal, prudenza u diliġenza u tolerabilità aktar baxxa għar-riskji. Il-konvenut ma jistax jaħrab mill-ħtija billi jgħid illi din hija n-natura tal-passatemp, jew li jekk ma jisparax fil-baxx ikun mar ta' xejn. L-inkolumità tal-persuna għandha valur ogħla mill-passatemp, u jekk attività ġġorr magħha livell għoli ta' riskju milli huwa ġustifikat min-natura tal-attività, mela dik l-attività għandha tiġi evitata.

13. Il-konvenut kien jaf, jew, jekk ħa arma tan-nar f'idejh biex jispara biha, kien imissu jkun jaf, illi meta jispara fil-baxx kien sejjer joħloq perikolu

għal ħaddieħor. Xorta għażel li jagħmel hekk, għax għalih l-importanti kien li jolqot il-papra, u għalhekk ma jistax jingħad illi l-imġieba tiegħu ma kinitx waħda negliġenti u nieqsa mill-għaqal. L-aggravju illi ma kienx hemm nuqqas min-naħa tiegħu huwa għalhekk miċħud.

14. Il-konvenut iżda jkompli jgħid illi l-inċident seħħ b'*casus*.

> "... ... ... l-esponent iħoss li mill-fatti li rriżultaw, u partikolarment mill-fatt li l-esponent ma sparax fid-direzzjoni tal-appellat li kien 'il bogħod minnu ħamsin metru, l-unika spjegazzjoni li wieħed jista' jagħti għal dan l-akkadut huwa l-possibilità li waħda miċ-ċombiet li ħarġu mill-iskartoċċ biddlet id-direzzjoni sabiex, minflok ma baqgħet sejra fid-direzzjoni li ġiet sparata, daret lura min-naħa li tkun ġiet sparata. Dan l-akkadut fl-umli fehma tal-esponenti ma kienx akkadut normali iżda wieħed straordinarju għaliex filwaqt illi huwa minnu li ċomba setgħet tolqot ġebla kif qalet l-ewwel qorti ma kienx daqshekk prevedibbli li ċomba meta taħbat, minflok tistrieħ fuq il-post li tkun laqtet, tkompli tivvjaġġa fl-arja f'distanzi twal ħafna wara li tbiddel id-direzzjoni u tispara lura mnejn tkun ġiet.
>
> "Illi għalhekk il-fatt illi l-appellat inċidentalment intlaqat la kien att volontarju tal-esponenti u lanqas seta' kien prevedibbli jew antiċipabbli li t-tir li l-esponent kien spara dritt quddiemu seta' jdur u, minflok jibqa' sejjer fid-direzzjoni naturali li ċomba tieħu, taghmel *u-turn* u tolqot lill-appellat li kien *circa* 50 metru 'l bogħod fuq in-naħa tal-lemin tal-esponent;
>
> "Illi *di più* sabiex ikun hemm lok għal ħtija jew responsabilità jinħtieġ li wieħed seta' jipprevedi d-disgrazzja li kkagunat id-dannu. Din il-prevedibilità trid tkun ta' probabilitajiet raġonevoli u mhux ta' possibilitajiet remottissimi u inverosimili kif sewwasew qalet l-ewwel qorti fis-sentenza appellata. Kif ġie sottomess, ma kien hemm xejn prevedibbli fil-każ in kwistjoni. L-istess appellat kien ħass din l-imprevedibilità u l-accidentalità tas-sitwazzjoni eżatt kif seħħ l-inċident meta stqarr li "stajt kont jiena".«

15. L-inċident seħħ mhux b'*casus* iżda għax il-konvenut spara fil-baxx fuq wiċċ fejn kien hemm mhux biss ilma iżda wkoll oġġetti iebsa bħal ma hu l-blat u għalhekk mexa b'nuqqas kbir ta' għaqal u għamel ħaġa fiha nisha ta' perikolu li b'ebda mod ma hu ġustifikat. Iċ-ċomba ma bidlitx id-direzzjoni tagħha għax fettlilha ma toqgħodx għal-liġijiet tal-fiżika

iżda għax il-konvenut spara lejn fejn iċ-ċomba setgħet taħbat ma' ħaġa iebsa u huwa prevedibbli illi f'sitwazzjoni bħal din iċ-ċomba tibdel id-direzzjoni tagħha b'*ricochet* u ma tistax tgħid fejn tmur. Kif sewwa qalet l-ewwel qorti "il-każ fortuwitu ma jeħlisx mir-responsabilità għad-danni jekk ikun preċedut minn ħtija ta' min ikkaġuna d-danni". Fil-każ tallum għalhekk il-ħtija preċedenti tal-konvenut ixxejjen id-difiża ta' *casus*.

16. Fit-tielet aggravju tiegħu l-konvenut igħid illi l-ewwel qorti kellha titfa' r-responsabilità fuq l-attur stess għax *volenti non fit iniuria*:

> "... ... ... *in subsidium* l-esponenti ressaq ukoll id-difiża msejsa mal-principju tal-*volenti non fit injuria*. L-ewwel qorti fis-sentenza appellata ħasset li kellha tiskarta, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, l-applikazzjoni tal-kunċett tal-*volenti non fit injuria* in kwantu rriteniet li ma jirriżultax li kien hemm xi ftehim, espress jew impliċitu, li l-attur kien se jassumi r-responsabilità għal dak li seta' ġara, anke bi traskuraġni ta' ħaddieħor. ... ... ...
>
> "Illi ġie ritenut li l-applikazzjoni tal-prinipju *volenti non fit iniuria* jippresupponi tliet elementi: il-prevedibilità tal-periklu, regoli kif dak il-periklu jiġi evitat jew b'xi mod imnaqqas, u l-ksur volontarju ta' dawk ir-regoli da parti ta' min weġġa'. L-applikazzjoni ta' dawn l-elementi u *del resto* ... ... ... ta' dan il-prinċipju in ġenerali għandha, fl-umli fehma tal-esponenti, tqis iċ-ċirkostanzi partikolari ta' din il-kaċċa pratikata *qua* attività sportiva riskjuża ... ... ...
>
> "Illi għalkemm il-massima hija *volenti non fit injuria* u mhux *scienti non fit injuria*, u għalhekk ix-xjenza fiha nfisha ma hijiex suffiċjenti għall-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju, jiġi sottomess umilment illi fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' attività sportiva riskjuża, tali xjenza hija evidenza tal-assunzjoni tar-riskju. ... ... ... Konsegwentement l-aċċettazzjoni tar-riskju fiċ-ċirkostanzi ta' *sport* tal-kaċċa, anke ladarba ma rriżultax li l-esponenti aġixxa b'mod irraġonevoli, l-appellant (*sic*!) għandu jiġi meqjus li assuma r-riskju in virtù tal-massima *volenti non fit injuria*.«

17. Kif sewwa qalet l-ewwel qorti, il-fatt illi l-attur kien jaf illi sejjer jieħu sehem f'attività minnha nfisha perikoluża ma jfissirx illi jeħles lil ħadd-ieħor minn kull responsabilità u mill-obbligu li jimxi b'għaqal, u illi jieħu fuqu biss ir-responsabilità għal kull ħsara li tiġrilu. Il-fatt iżda li l-attur

kien jaf illi kien sejjer jieħu sehem f'attività minnha nfisha perikoluża ma jfissirx illi l-konvenut seta' liberament jimxi b'negliġenza u illi kien meħlus mill-obbligu li jimxi b'għaqal u, anzi, bl-għaqal akbar illi titlob in-natura minnha nfisha perikoluża tal-attività. Flok qagħad aktar attent, il-konvenut b'nuqqas kbir ta' għaqal spara fil-baxx b'mod illi, kif ġà rajna, ħoloq perikolu għal min kien fil-qrib. Kif wara kollox igħid il-konvenut stess fis-silta miġjuba fuq, wieħed mill-elementi tad-difiża li fuqha qiegħed jistrieħ huwa "l-ksur volontarju ta' dawk ir-regoli ... ... .. kif dak il-periklu jiġi evitat jew b'xi mod imnaqqas", mhux biss, iżda, kif irid il-konvenut "da parti ta' min iweġġa'" iżda wkoll da parti ta' min jagħmel il-ħsara, fil-każ tallum il-konvenut stess. Meta spara fil-baxx il-konvenut mhux biss ma ħax ħsieb li jnaqqas ir-riskju ta' attività minnha nfisha perikoluża iżda anzi żied dak ir-riskju. Il-ħsara ma seħħitx minhabba l-perikolu inerenti iżda minħabba d-deċiżjoni tal-konvenut li jispara fil-baxx.

18. Dan l-aggravju wkoll huwa għalhekk miċħud.

19. Ir-raba' aggravju tal-konvenut huwa dwar il-ħtija kontributorja tal-attur. Billi l-attur ukoll appella inċidentalment dwar il-ħtija kontributorja, għal-kemm, naturalment, għal raġunijiet differenti, il-qorti sejra tqis l-aggravji tal-partijiet flimkien.

20. Il-konvenut fisser hekk l-aggravju dwar kif l-ewwel qorti qassmet il-ħtija fuq il-partijiet:

"… … … l-esponent jirrileva bir-rispett illi l-ewwel qorti kellha tap-porzjona ħtija ta' aktar minn kwart fuq l-appellat u dana sabiex tali ħtija tkun tirrispekkja n-negliġenza tal-appellat li kien tenut li jħares is-sigurtà tiegħu nnfisu billi juża diliġenza ordinarja.

"Illi fl-umli fehma tal-esponenti n-nuqqas tal-appellat li jilbes in-nuċċali fl-aktar mumenti perikolużi tal-kaċċa u *cioè* waqt li ser issir jew qed issir sparatura kienu dovuti mill-appellat stess u għalhekk dipendenti mill-volontà tiegħu. Kien l-appellat li kellu jipprevedi l-perikolu li l-kaċċa ta' bil-lejl bla nuċċali protettiv kien qed ipoġġi lilu nnifsu fih, u l-fatt li mar għal kaċċa u ma ħax il-prekawzjonijiet meħtieġa aċċetta tali perikolu. Jekk l-attur għażel li jieħu r-riskju u ma jilbisx in-nuċċali protettiv waqt li qed issir sparatura meta kien konxju li kienet ser issir u qed issir tali sparatura ma jistax iwaħħal f'ħaddieħor għal dan l-aġir irreponsabbli tiegħu.

"Illi fil-fatt il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha datata 7 ta' Diċembru 2004 fl-ismijiet <u>Carmel Polidano *et noe v.* Korporazzjoni Enemalta *et*</u>, irriteniet illi "Meta tfittex il-perikolu ma tistax twaħħal f'ħaddieħor jekk iġġarrab xi ħsara ...". Fil-każ odjern l-appellat wera negliġenza fl-aġir tiegħu meta, filwaqt illi kien jaf li l-kaċċa hija riskjuża u l-kaċċa ta' bil-lejl aktar riskjuża, qiegħed lilu nnifsu f'posizzjoni ta' perikolu. Id-diliġenza kienet tispetta lill-appellat li jieħu dawk il-mezzi neċessarji sabiex jevita inċident milli jiġri. Dan sempliċement kien ifisser li jżomm in-nuċċali protettiv f'għajnejh fil-mument li ser ikun hemm tir, jew talanqas idawwar wiċċu f'direzzjoni oħra u mhux fid-direzzjoni minn fejn ġej it-tir, jew inkella jistkenn fid-dura waqt li qed ineħħi n-nuċċali, aġir li ma jirrikjedix xi diliġenza straordinarja iżda dik id-diliġenza li kull bniedem huwa mistenni li jeżerċita għall-inkolumità tiegħu nnifsu.

"Illi l-ewwel qorti fis-sentenza appellata tagħha fil-parti intitolata "Ħtija Kontributorja" straħet ukoll fuq il-fatt li l-appellat ma ntlaqatx b'ċomba waħda u għalhekk l-inċident ma kienx xi wieħed staordinarju. L-esponent jirrileva bir-rispett illi ebda prova konklusiva ma tressqet mill-appellat dwar jekk intlaqatx minn aktar minn ċomba waħda. Min-naħa l-oħra, il-verżjoni tal-esponent li l-appellat intlaqat biss minn ċomba waħda ġiet korroborata minn xhieda okulari oħra li qalu l-istess ħaġa, liema xiehda ma ġiet kontestata bl-ebda mod. Li kieku l-appellat intlaqat minn aktar minn ċomba waħda sinjali fuq ħwejġu jew fuq ġismu kienu jidhru għaliex ċomb jaħraq li joħroġ minn skartoċċ iħalli marki fejn jolqot. Lanqas prova ta' ħwejġu jew inkella tal-kura li kellu jieħu dwar dan l-allegat ċomb li kellu fuq ġismu ma tressqu. *Inoltre* l-ewwel qorti skartat mingħajr ġustifikazzioni l-fatt illi ż-żewġ persuni ta' nazzjonalità għarbija li kienu qrib tal-appellat ma ntalqtux miċ-ċomb li suppost laqat lill-appellat, fatt inkotrovertibbli li jkompli jikkorobora t-teżi tal-esponent li l-appellat intlaqat minn ċomba waħda.

"Illi fl-apporzjonament tal-ħtija f'ċirkostanzi fejn jirriżulta li kien hemm negliġenza kontributorja, jiġi rilevat illi filwaqt illi tali apporzjonament jaqa' fid-diskrezzjoni tal-ġudikant u dana fit-termini tal-artikolu 1051 tal-Kodiċi Ċivili, ingħad a propożitu fid-deċiżjoni fl-ismijiet <u>Joseph Galdes</u>

v. Victor Micallef, Appell Ċivili, mogħtija fl-20 ta' Jannar 1964 illi "vuoldiri, huwa mħolli dejjem fid-diskrezzjoni tal-qorti, meta hemm htija kontributorja da parti tad-danneġġjat, li tistabilixxi l-proporzjon li fiha hu kkontribwixxa għal jew ikkaġuna l-ħsara li ġarrab sew jekk id-danneġġjanti jkunu kkaġunaw id-danni b'sempliċi kolpa jew anki b'*dolo*, mingħajr ebda regola prestabilita mil-liġi stess li tistabiliixxi l-proporzjon għal nofs jew frazzjoni oħra. Kollox f'kull każ jiddependi miċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu. B'dana kollu s'intendi tibqa' valida bħala massima prattika ta' bon sens dik li din il-qorti applikat diversi drabi f'kawżi ta' danni, fis-sens illi "*it is a sound rule that when the case is such that the blame cannot with any certainty be apportioned, the liability should be apportioned equally*".

"Illi l-ewwel qorti rriteniet fis-sentenza appellata tagħha illi "l-qorti tħoss li kieku l-attur kellu n-nuċċali protettiv meta nqala' l-inċident forsi l-inċident seta' jiġi evitat jew inkella għallanqas il-konsegwenzi setgħu ma kinux daqshekk serji". Dan ifisser li l-ewwel qorti stess irrikonoxxiet is-serjetà tan-negliġenza tal-appellat meta qalet li seta' saħansitra jiġi evitat l-inċident in kwistjoni, u għalhekk l-esponent iħoss li l-ewwel qorti kellha konsegwentement taddebita aktar ħtija fuq l-appellat milli fuq l-esponent u fi kwalunkwe każ mhux anqas min-nofs, meta l-ħtija ma tistax tiġi stabilita b'ċertezza kif irriteniet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza preċitata."

21. L-attur wieġeb hekk:

"Illi, mill-*affidavit* tiegħu stess, l-esponent appellant, bl-onestà kollha, ikkonferma li "dik il-lejla ħin minnhom meta kont għarkopptejja b'rasi aktar baxxa mill-qasab liebes is-*safety glasses* smajt ċafċifa ta' papra li niżlet fl-ilma ftit 'il bogħod minni fuq il-ġenb tax-xellug tiegħi. Proprju dak il-ħin għollejt in-nuċċali għax għorkitni għajni. Kif kelli n-nuċċali mgħolli, rajt qisu dawl ġej mix-xellug tiegħi segwit minn sparatura u wara sfajt milqut ġol-għajn il-leminija tiegħi u smajt tfaqqigħ mal-qasab ta' quddiemi". Waqt il-kontro-eżami tiegħu ... ... ... l-esponent reġa' spjega "jiena kelli *safety glasses*; però, dak il-ħin li saret l-isparatura ma kinux eżatt qed igħattuti għajnejja. Jiena kemm għollejt in-nuċċali, is-*safety glasses*, ftit u dak il-ħin kien hemm l-isparatura. Dan ġie korroborat mill-konvenut stess li fl-*affidavit* tiegħu jirrakkonta li *a tempo vergine* l-esponent qallu li dak il-ħin neża' n-nuċċali peress ill ried iħokk għajnu;

"Illi, minn dak fuq premess, jirriżulta illi l-esponent, waqt dik il-lejla, kien liebes in-nuċċali protettiv kif ukoll kien qed jistkenn kompletament wara l-qasab, tant li rasu kienet kompretament mgħottija. Dawn il-fatti ma ġewx kontradetti la mill-konvenut Anthony Micallef u wisq anqas mill-provi prodotti quddiem l-ewwel onorabbli qorti. Fil-fatt, l-istess qorti, fil-konsiderazzjonijiet tagħha, aċċettat li l-esponent kellu nuċċali protettiv f'dak il-lejl;

"Għalhekk, tenut kont ta' dawn il-fatti li dwarhom hemm qbil, kif ukoll fid-dawl tal-artikolu 1051 tal-Kodiċi Ċivili, l-esponent jikkontendi illi fil-

prekawzjonijiet minnu meħuda waqt dak il-lejl, huwa aġixxa b'diliġenza ta' *bonus paterfamilias*. Minn dawn il-fatti b'ebda mod ma wieħed jista' jipprospetta li l-esponent ikkommetta ħtija (*culpa*) fis-sens tal-artikolu 1032 u fis-sens li jrid ikun għamel jew naqas li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi (artikolu 1033); fi kliem ieħor, li l-esponent ikkommetta vjolazzjoni jew trasgressjoni ta' dover;

"Illi fil-fatt irriżulta ampjament mil-provi prodotti fil-proċeduri odjerni illi l-kawża prossima għall-inċident *de quo* kien il-metodu ta' sparar inkonsultat tal-konvenut fejn it-tir ġie sparat minn posizzjoni perikoluża, mill-baxx, b'imprudenza u b'negliġenza. Fuq dan, l-esponent appellant ma kellu l-ebda kontroll, fejn kull prekawzjoni illi ħa l-istess ġiet reża inutili minħabba l-aġir irresponsabbili tal-konvenut;

"Illi, *inoltre*, issir riferenza għall-istqarrija tal-konvenut fir-rikors tal-appell tiegħu stess, u *cioè* li "n-nuqqas tal-appellat li jilbes in-nuċċali fl-aktar mumenti perikolużi tal-kaċċa u *cioè* waqt li ser issir jew qed issir sparatura kienu dovuti mill-appellat stess u għathekk dipendenti fuq il-volontà tiegħu. Kien l-appellat li kellu jipprevedi l-perikolu li l-kaċċa ta' bil-lejl bla nuċċali protettiv kien qed ipoġġi lilu nnifsu fih ...". Bl-akbar dovut rispett, il-perikolu nħoloq mill-konvenut stess u mhux mill-esponent;

"Iżda, *ciò nonostante*, l-ewwel onorabbli qorti kkonkludiet li peress li fil-ħin preċiż illi ġie sparat dan it-tir negliġenti, l-esponent inzerta li kien għolla n-nuċċali protettiv tiegħu għal ftit sekondi sabiex iħokk għajnejh, huwa kkontribwixxa għal dan l-inċident u għad-danni risultanti mill-istess. L-esponent, f'dan ir-rigward, jikkontendi illi l-element ta' pre-vedibilità neċessarja fl-ambitu tal-kulpa huwa nieqes fl-azzjoni tiegħu meta, momentarjament, għolla n-nuċċali prottetiv. Fejn qatt seta' jissoponi li l-konvenut kien ser imur kontra n-normi kollha tal-kaċċa kif ukoll kontra l-istruzzjonijiet speċifiċi li ngħataw lill-membri tal-ġita li ma kellux isir sparar fil-baxx? Kif ġie sottomess mill-konvenut stess fir-rikors tal-appell tiegħu, sabiex ikun hemm lok għal ħtija jew res-ponsabiltà, jinħtieġ li wieħed seta' jipprevedi d-disgrazzja li kkagunat id-dannu;

"Illi *inoltre* l-ewwel onorabbli qorti attribwiet responsabilità lill-esponent fil-grad ta' kwart [*sc* għax] "lanqas daħal jiskenn wara d-dura jew dawwar wiċċu n-naħa l-oħra. Fl-ewwel lok, l-esponent jirrileva illi din l-istqarrija mhux preċiża fis-sens illi fil-ħin li ntlaqat huwa kien mgħotti bil-qasab, kif spjega fl-*affidavit* tiegħu. Jidher illi l-qorti tal-prim'istanza attribwiet kontributorjetà lill-esponent minħabba r-relazzjoni tiegħu kif ġie sparat it-tir. Għal dan, l-esponent jagħmel riferenza għal bran mis-sentenza ingliża Tocci *v*. Hankard [1966, 110 S.J. 835 C.A.] fejn ingħad li "*one ought not to be critical of what is done on the spur of the moment when a dangerous situation had been created by someone else. Where a person is placed in a danger by the wrongful act of another, he is not to blame if he does not do quite the right thing in the circumstances*"."

22. Fil-fehma tal-qorti l-aggravju tal-attur illi ma kienx negliġenti meta għażel li jneħħi n-nuċċali proprju fil-ħin meta sema' ċ-ċafċifa tal-papra – u aktar u aktar meta ċ-ċafċifa semagħha "ftit 'il bogħod" minnu, u għalhekk meta kellu jistenna li xi ħadd x'aktarx sejjer jispara – joqrob ħafna lejn il-fieragħ. Hu stess jistqarr illi "proprju dak il-ħin għollejt in-nuċċali", proprju fil-ħin tal-aktar perikolu. Inevitabbli s-suspett illi n-nuċċali għollieh mhux għax għorkitu għajnu iżda biex jara aħjar jispara fuq il-papra. X'aktarx mhux il-konvenut biss kellu bħala prijorità ewlenija, jekk mhux ukoll waħdanija, li jolqot il-papra, u kull ħaġa oħra ssir irrelevanti. Wara kollox, jekk tassew kien qiegħed jogħrok għajnejh, kellu l-pala ta' l-id quddiem għajnejh u kien jintlaqat fuq idu mhux fuq għajnu.

23. Iżda kienet x'kienet ir-raġuni, in-nuqqas ta' għaqal tal-attur, li jneħħi l-protezzjoni fil-waqt meta l-ħtieġa għal protezzjoni kienet l-aktar urġenti, tant huwa ovvju illi ma huwiex meħtieġ illi l-qorti taħli aktar ħin fuq dan l-aggravju, illi tiċħdu bla esitazzjoni.

24. Dan ma jfissirx iżda illi għandu jintlaqa' l-aggravju tal-konvenut. Ir-raġuni ewlenija tal-inċident kienet l-isparatura fil-baxx, għax kienet dik li ħolqot riskju akbar minn dak inevitabbli f'attività minnha nfisha perikoluża. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ l-ewwel qorti nqdiet sew bid-diskrezzjoni li jagħtiha l-art. 1051 tal-Kodiċi Ċivili u din il-qorti ma tarax illi hemm raġunijiet tajba u biżżejjed biex tiddisturba d-deċiżjoni tal-

ewwel qorti, aktar u aktar meta ntwera biċ-ċar kemm dan kien sperikolat fl-imġieba tiegħu.

25. L-aggravju tal-konvenut ukoll huwa għalhekk miċħud.

26. Dawk kienu l-aggravji dwar l-ewwel sentenza appellata, dik dwar responsabilità. Ngħaddu issa għall-aggravji dwar it-tieni sentenza appellata, dik dwar *quantum* tad-danni.

27. Il-qorti tibda billi tagħmel preċiżazzjoni terminoloġika biex ma jkun hemm ebda ekwivoku dwar tifsir tal-kliem. L-ewwel qorti, u bħalha l-partijiet ukoll, jidher illi fehmu t-terminu *damnum emergens* bħala danni ġà mġarrba u *lucrum cessans* bħala danni fil-ġejjieni. Għalhekk il-qorti qieset it-telf ta' dħul sa dakinhar tas-sentenza (para. D2.A u D2.B tat-tieni sentenza appellata) bħala *damnum emergens*. Dan ma huwiex korrett. *Damnum emergens* huwa dak li l-vittma ħareġ, qiegħed joħroġ, jew għad ikollu joħroġ mill-patrimonju tiegħu biex jagħmel tajjeb għall-ħsara waqt li *lucrum cessans* huwa l-qligħ jew dħul li, fl-imgħoddi, issa jew 'il quddiem, intilef jew sejjer jintilef u għalhekk ma jidħolx fil-patrimonju tal-vittma minħabba fl-inċident. Għalhekk il-partiti taħt para. D2.A u D2.B tat-tieni sentenza appellata huma *lucrum cessans* u mhux *damnum emergens*.

28. Magħmula din il-preċiżazzjoni, ngħaddu issa għall-aggravji tal-partijiet dwar il-likwidazzjoni tad-danni. L-aggravji tal-konvenut huma (i) illi l-benefiċċji li rċieva l-attur taħt l-iskema tas-sigurtà soċjali u mill-fond tal-

pensjoni u kontinġenzi tal-ħaddiema tal-port kellhom jitnaqqsu mid-danni likwidati; (ii) illi ma saritx prova dwar il-ħlas għal biljett tal-ajru biex mart l-attur marret miegħu meta mar għall-kura barra minn Malta; (iii) illi *multiplier* ta’ ħamsa u għoxrin (25) sena huwa għoli wisq; (iv) illi l-grad ta’ debilità ta’ ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) huwa wkoll għoli wisq; u (v) illi t-tnaqqis talli l-attur sejjer jieħu ħlas bil-quddiem (*lump sum payment benefit*) kellu jkun akbar. L-attur fl-appell inċidentali wkoll ressaq aggravju dwar il-*lump sum payment benefit* għalkemm, naturalment, l-aggravju tiegħu huwa illi ma għandux ikun hemm dak it-tnaqqis.

29. L-ewwel aggravju tal-konvenut jolqot il-benefiċċji li rċieva l-attur taħt l-iskema tas-sigurtà soċjali u tal-fond tal-pensjoni u kontinġenzi tal-ħaddiema tal-port. Fisser dan l-aggravju hekk:

> “Illi għar-rigward tat-telf ta’ introjtu jibda biex jingħad illi l-ewwel qorti fis-sentenza appellata tagħha naqset li tikkunsidra li rriżulta ... ... ... li matul il-perjodu li dam assenti mix-xogħol u *cioè* mid-9 ta’ Diċembru 1997 sat-18 ta’ Novembru 1998, l-appellat kien qed jirċievi kemm ħlasijiet mingħand il-gvern kif ukoll jiġi kumpensat mill-*insurance fund* magħrufa bħala *Port Workers Pension & Contingency Fund* li kellhom (u għad għandhom) il-ħaddiema tax-xatt. Fir-rigward tal-ħlasijiet mingħand il-gvern fil-perjodu li l-attur kien assenti mix-xoghol, ... ... ... dawn kienu *oltre* l-kumpens li kienu jirċievu mill-istess *fund*.
>
> “... ... ...
>
> “Illi f’dan il-kuntest jiġi rilevat illi għalkemm l-ewwel qorti għamlet referenza *en passant* għal dawn il-benefiċċji, fil-komputazzjoni tagħha tad-danni emerġenti[1] ma naqqsithomx. Li jwassal loġikament li l-appellat ser ikollu arrikiment indebitu bi ksur tal-prinċipju rassodat kontra d-*double recovery* li jipprojbixxi illi jkun hemm kumpens doppju u konsegwentement arrikiment indebitu. ... ... ...”

---

[1] *Recte, lucrum cessans*; ara para. 27, *supra.*

30. L-iskema tas-sigurtà soċjali huwa finanzjat, għallinqas *in parte*, mill-assikurat stess.  Dan naturalment jagħmlu għall-benfiċċju tiegħu u mhux għall-benefiċċju ta' min ikorrih u għalhekk ma għandux ikun il-konvenut illi jibbenefika mill-ħlasijiet taħt dak l-iskema.

31. Dwar il-ħlas mill-fond tal-pensjoni u kontinġenzi tal-ħaddiema tal-port l-attur igħid illi ma hemmx *double recovery* għax:

> "... ... ... id-dħul bażiku tal-esponent waqt il-perijodu li dam assenti mix-xogħol jirrifletti l-pagament illi ngħata mingħand il-fond in kwistioni u mhux kif qed jiġi allegat mill-konvenut appellant illi l-esponent tħallas kemm il-paga bażika kif ukoll il-ħlas minn dan il-fond:
>
> "Illi, *in vista* ta' dak fuq premess, jiġi rilevat li l-esponent ma rċieva ebda ħlas doppju kif qed jiġi suġġerit erronjament mill-konvenut appellant; anzi, għal kuntrarju, kemm l-esponent kif ukoll l-ewwel onorabbli qorti naqqsu l-ammont li l-istess ingħata waqt li kien konvalexxenti mid-dħul li rċieva kollega tiegħu fl-istess żmien, ... ... ..."

32. Il-kwistjoni tad-*double recovery* ma tqumx għax l-attur ikun irċieva l-paga u l-kumpens taħt il-fond;  tqum għax jirċievi dak il-kumpens kemm mill-fond u kemm mingħand il-konvenut bħala danni.

33. Ir-reg. 33(4) tar-Regolamenti dwar il-Ħaddiema tal-Port ["L.S. 171.02"] igħid illi l-fond tal-pensjoni u kontinġenzi tal-ħaddiema tal-port huwa finanzjat mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta waqt illi r-reg. 25(1) igħid illi l-prinċipali tal-ħaddiema tal-port ukoll jikkontribwixxu għall-fond.  Ir-reg. 46(1)(*a*) imbagħad igħid illi:

> "46. (1)  Il-Kumitat[2] ikollu l-jedd li jitlob b'azzjoni ċivili l-ammont ta' kull gratifikazzjoni mħallsa jew li jkollha titħallas skond dawn ir-regolamenti -

2 Il-kumitat imwaqqaf taħt ir-reg. 32 tal-L.S. 171.02 biex imexxi l-fond.

> "(a) mingħand kull persuna, barra mill-ħaddiem tal-port li jkollu jedd għal dik il-gratifikazzjoni, meta korriment li dwaru titħallas il-gratifikazzjoni jkun iġġarrab b'għemil bir-rieda jew bi traskuraġni ta' dik il-persuna ... ... ..."

34. Dan ifisser illi, jekk id-danni likwidati ma jitnaqqsux bil-ħlas li l-attur irċieva mill-fond, il-konvenut jista' jkun imġiegħel iħallas darbtejn: darba bħala parti mid-danni likwidati u darba oħra bħala risarċiment lill-fond. L-ammont li rċieva l-attur mill-fond kien ta' tnax-il elf, ħames mija u sebgħa u disgħin euro (€12,597)[3] u din is-somma għalhekk għandha titnaqqas mid-danni likwidati.

35. Il-konvenut ikompli jfisser l-aggravju tiegħu hekk:

> "Illi ulterjorment jiġi sottomess bir-rispett, *in linea* mal-prinċipju kontra d-*double recovery* għar-rigward tal-perjodu ta' kważi sena li l-appellat dam assenti mix-xogħol, kien qed jiġi kumpensat daqs li kieku kien qed jaħdem u għalhekk f'dawn iċ-ċirkostanzi għal dak il-perjodu ma jistax jibbenefika mill-kalkolazzjoni ta' *lucrum cessans* għaliex inkella l-appellat ikun qed jieħu vantaġġ indebitu bi ksur tal-prinċipju mħaddan kontra d-*double recovery*, aktar u aktar meta wieħed iqis l-appellat jiddikjara li rcieva fis-sena 1998 (meta ma haħimx għajr għal xahar għax kien assenti minħabba l-inċident) is-somma ta' Lm15,148.64 (ekwivalenti għal €35,286.83), effettivament aktar mis-snin susseg-wenti, meta kien beda jaħdem b'mod komplet. Din il-konsiderazzjoni wkoll ġiet imwarrba mill-ewwel qorti mingħajr ġustifikazzjoni."

36. Fil-kalkolu ta' *lucrum cessans* il-qrati jqisu mhux biss it-tnaqqis attwali fid-dħul iżda wkoll it-tnaqqis fil-potenzjal tal-vittma għal xogħol remunerattiv, hekk illi wkoll fejn fil-każijiet fejn il-vittma baqa' jaħdem bla telf effettiv fil-qligħ, xorta ngħata kumpens għal *lucrum cessans* kalkolat fuq il-grad ta' debilità tiegħu. Dan huwa effettivament

[3] *Fol.* 422 tal-proċess tal-ewwel qorti.

kumpens għal dannu non-patrimonjali taħt il-libsa ta’ *lucrum cessans.* Din il-parti tal-aggravju tal-konvenut, għalhekk, ma hix mistħoqqa.

37. Aggravju ieħor huwa dwar in-nefqa ta’ tmien mija u disgħa u ħamsin lira (Lm859) – daqs elfejn euro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€2,000.93) – għall-biljetti tal-ajru biex il-mara tal-attur marret miegħu meta mar għall-kura barra minn Malta. Il-konvenut fisser l-aggravju hekk:

> “Illi għar-rigward tal-ispejjeż reklamati tal-passaġġi tal-ajru tal-mara, l-ewwel qorti straħet kompletament fuq id-dokumenti esebiti mill-appellat mingħajr ma evalwat, fl-umli fehma tal-esponenti, l-istess mill-ottika probatorja. Dana jingħad qabel xejn peress illi ma tressqet l-ebda prova dwar min effettivament ħallas għal dawn l-ispejjeż allegatament inkorsi. Anke jekk wiehed jimxi bi presunzjoni li dawn kienu tħallsu mill-komunjoni tal-akkwisti, sabiex tagħmel talba għalihom kellha tkun parti mill-proċeduri odjerni l-mara tal-attur ukoll bħala komparteċipi mill-istess komunjoni. Fi kwalsiasi każ però, anke l-*affidavit* tal-appellat dwar dawn l-ispejjeż ma jista’ qatt jkun konklusiv sal-grad tal-probabbli in kwantu, ad eżempju, il-vjaġġ li allegatament sar fl-24 ta’ Marzu 1998, kif dikjarat fl-*affidavit* tal-appellat *a fol.* 30 tal-proċess, ma jirriżultax li kien wieħed mill-vjaġġi li kien għamel l-appellat għat-trattament fl-Ingilterra. Dana l-vjaġġ fil-fatt ma jirriżulta minn imkien li verament kien sar; anzi proprju jirriżulta l-kuntrarju partikolarment fid-dokument CM2 *a fol.* 114 tal-proċess esebit minn Charles Messina in rappreżentanza tad-Dipartiment tas-Saħħa li fid-dokument elenka, u anke ikkonferma bix-xiehda tiegħu, id-drabi kollha li l-appellat mar għall-kura fl-Ingilterra a spejjeż tad-dipartiment, u d-drabi li l-appellat mar għall-kura fl-Ingilterra u ħallas għall-vjaġġ hu stess. *Di più*, l-unika prova li tressqet fir-rigward tal-ħlasijiet li għamel l-appellat in konnessjoni ma’ dawn il-vjaġġi kien id-dokument esebit *a fol.* 140 tal-proċess li hija ittra iffirmata minn Charles Messina li turi l-vjaġġi li d-Dipartiment tas-Saħħa ma ħallasx għalihom u *cioè* f’ħames okkażjonijiet bejn is-sena 1997 u s-sena 2002, Ma tirriżuttax prova ċara dwar kemm kienu l-ispejjeż tal-vjaġġi u lanqas dwar min effettivament ħallashom. Dana juri kemm ma jistgħux jitqiesu konklusivi d-dokumenti mressqa mill-appellat fir-rigward u għaldaqstant l-ewwel qorti fl-umli fehma tal-esponenti kellha tnaqqas drastikament jew komptetament l-ammont milub.«

38. L-allegazzjoni speċifika tal-konvenut illi l-vjaġġ li għamlet mart l-attur fl-24 ta’ Marzu 1998 ma kienx biex tmur ma’ żewġha, għax l-attur ma

sifirx ukoll dakinhar, hija kontradetta minn dok. RS10[4], li hija ittra tal-11 ta' Marzu 1999 maħruġa f'isem id-direttur ġenerali tal-Isptar San Luqa li tgħid illi "*This is to certify that the above named* [*sc.* Raymond Sammut] *is being sent by this department for treatment in the United Kingdom. He will be leaving Malta on the 24th March 1999 and will be accompanied by his wife M'Dolores*".

39. Il-prezz tal-biljetti tal-ajru huwa muri fuq il-biljetti stess, illi kopja tagħhom tinsab bħala dokk. RS16-21 *foll.* 56 *et seqq.* tal-proċess tal-ewwel qorti. Madankollu, dawn id-dokumenti juru kemm kienu jiswew il-biljetti iżda mhux min ħallas għalihom. Imkien fl-*affidavit* tiegħu tat-13 ta' Marzu 2000 u f'dak tal-20 ta' Mejju 2000 ma jgħid l-attur li kien hu li ħallas. Fl-*affidavit* tat-13 ta' Marzu jgħid biss illi "*Mort Moorfields Eye Hospital ta' Londra. Ġiet miegħi marti Maria Dolores Sammut u ħuha Joseph Cauchi*"[5]. Fl-*affidavit* tal-20 ta' Mejju 2000 hemm biss elenku tat-titjiriet u tal-prezz tagħhom iżda ma jingħad xejn dwar min ħallas[6]. Il-fatt illi fuq il-biljetti tal-ajru hemm indikat illi mart l-attur kienet titqies bħala "*MHD* (*medical and Health Department*) *Escort*" x'aktarx jindika li kien id-dipartiment li ħallas. F'kull każ, ma jistax jingħad illi hemm prova biżżejjed illi l-ħlas sar mill-attur u għalhekk din il-parti tal-aggravju għandha tintlaqa' u d-*damnum emergens* jonqos bi tmien

4 *Fol.* 44 tal-proċess tal-ewwel qorti.

5 *Fol.* 20 tal-proċess tal-ewwel qorti.

6 *Fol.* 30 tal-proċess tal-ewwel qorti.

mija u disgħa u ħamsin lira (Lm859), jew elfejn euro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€2,000.93).

40. Aggravju ieħor tal-konvenut jolqot il-*multiplier* ta' ħamsa u għoxrin sena. Igħid illi dan huwa wisq meta tqis "in-natura tax-xogħol tal-appellat" għax "ħaddiem tax-xatt għandu xogħol riskjuż, perikoluż u fih innifsu ta' strapazz, u konsegwentement l-ewwel qorti kellha tieħu dan l-aspett in konsiderazzjoni meta tqis iċ-*chances and changes of life* fil-kalkolazzjoni tal-*multiplier*".

41. L-attur kellu ħamsa u tletin sena meta seħħ l-inċident u għalhekk il-*multiplier* adottat mill-ewwel qorti huwa wieħed raġonevoli u juri illi l-qorti qieset il-fatturi msemmija mill-konvenut. Għandu jingħad ukoll illi fil-likwidazzjoni tal-*lucrum cessans* il-qorti għandha tqis ukoll il-fatt illi l-vittma jkun tilef mhux biss il-kapaċità għax-xogħol li jkun qiegħed jagħmel fil-waqt tal-inċident iżda wkoll il-kapaċità ġenerika għal xogħol ieħor li ċertament intlaqtet serjament bil-ġrieħi li ġarrab.

42. Dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud.

43. Aggravju ieħor jolqot il-grad ta' debilità, li l-konvenut fissru hekk:

> "Illi għar-rigward tal-grad ta' debilità, l-ewwel qorti fis-sentenza appellata tagħha bdiet il-parti rilevanti tar-raġunament tagħha billi tgħid li fejn *si tratta* ta' debilità f'għajn "id-debilità globali għandha tinħadem skond formola li kienet approvata mill-Qorti tal-Appell f'sentenza mogħtija fl-4 ta' Diċembru 1998 *in re* <u>Gasparre Xuereb *v.* Sammy Meilaq *et noe*</u>. In sostenn ta' dan kompliet l-ewwel qorti tikkwotata b'approvazzjoni żewġ sentenzi oħra li mxew mal-istess linja ta' hsieb. Minkejja l-approvazzjoni tagħha ta' din il-linja, l-ewwel qorti għaddiet imbagħad biex skartatha in kwantu rriteniet illi "din il-formula hija waħda ġenerika li ma

tqisx l-idjosinkraziji ta' każ partikolari" mingħajr mhux biss ma indikat il-gravità ta' dawn l-idjosinkraziji li wassluha biex tiddipartixxi minn din il-ġurisprudenza, iżda lanqas biss biss indikat dawn l-idjosinkraziji x'kienu u b'hekk adoperat rata ta' dizabilità ta' 25% meta l-effiċjenza viżiva industrijali tal-appellat kienet stabbilita li hija 25%.

"Illi b'kull dovut rispett l-idjosinkraziji ta' dan il-każ partikolari kellhom iwasslu lill-qorti biex tieħu konsiderazzjoni tal-fatt li t-telf viżiv ma kienx ta' impediment għall-appellat biex jesegwixxi xogħlu bħala ħaddiem tax-xatt. Ġie konfermat mix-xhieda tal-appellat stess in kontro-eżami kif ukoll mix-xiehda ta' George Ciantar li in segwitu għall-inċident l-appellat baqa' jagħmel l-istess xogħol ta' ħaddiem tax-xatt kif kien jagħmel qabel. Dan jinkludi xogħol li huwa fin-natura tiegħu perikoluż u jeħtieġ attenzjoni sħiħa, inkluż dik viżiva, għaliex jinvolvi xogħol mill-għoli u kif ukoll sewqan, liem jidher li l-appellat baqa' jagħmilhom bla xkiel ta' xejn. ... ... ...

"Illi filwaqt illi huwa konċess li teżisti ġurisprudenza li rriteniet li jista' jkun irrilevanti li vittma tibqa' tagħmel l-istess xogħol li kienet tagħmel qabel għaliex dak li għandu jitqies hija l-possibilità li eventwalment il-vittma tista' tibdel ix-xogħol u minħabba l-*injury* li tkun sofriet ma tkunx tista' tagħmlu, din il-ġurisprudenza li straħet fuqha l-ewwel qorti fis-sentenza appellata tagħha fl-umli fehma tal-esponenti m'għandhiex issib applikazzjoni f'dan il-każ. Dana peress li fil-każ odjern huwa proprju l-użu tal-għajnejn fundamentali fix-xogħol li baqa' jagħmel l-appellat wara l-inċident, kemm meta jkun qed jsuq il-vetturi, kif ukoll meta jkun qed jagħmel il-*lashing* f'għoli ta' diversi metri 'l fuq mill-art kif ukoll meta jaħdem dan ix-xogħol bil-lejl. Jidher li *nonostante* l-inċident, huwa baqa' "100% *fit*" għaliex dan ix-xogħol dak hu li jirrekjedi kif qal Victor Spiteri, il-kuntrattur tal-*lashing*. Konsegwentement li kieku kellu xi debilità li affettwatlu l-possibilità tal-impjieg tiegħu, kienet tqum il-kwistjoni proprju fir-rigward tax-xogħol li l-appellat qiegħed jagħmel fil-preżent għaliex jinħtieg it-tħaddim tas-sensi kollha li għandhom ikunu jiffunzjonaw 100%, ħaġa li evidentement ma seħħitx. Kienu dawn l-idjosinkraziji li kellha, fl-umli fehma tal-esponenti, tieħu konsiderazzjoni tagħhom l-ewwet qorti.

"Illi bla preġudizzju għall-premess, jiġi rilevat bir-rispett li r-rata ta' diżabilità ta' 25% li waslet għaliha l-ewwel qorti ma hijiex konsoni mal-ġurisprudenza fid-dawl tal-fatt li l-espert tekniku Dr Mario Tabone irrelata fir-rapport tiegħu *a fol.* 142 tal-proċess li l-effiċjenza viżiva industrijali tat-attur hija ta' 75%, u lanqas kien hemm ġustifikazzjoni għaliex l-uniformità, li għaliha aċċennat l-ewwel qorti fis-sentenza tagħha fil-parti dwar il-*multiplier*, għandha tiġi skussjata.

"Dana qiegħed jingħad għaliex fir-rigward ta' korriment f'għajn waħda, id-debilità globali għandha tinħadem skond formola li kienet ġiet approvata mill-Qorti tal-Appell f'sentenza mogħtija fl-4 ta' Diċembru 1998 fl-ismijiet Gaspare Xuereb *v.* Sammy Meilaq et *noe*. Ġie ritenut fis-sentenza Paul Debono *v. Malta Drydocks* (deċiża fis-27 ta' April 2005) li f'każijiet konsimili fejn għandek telf ta' viżwali, wieħed għandu jagħti piż debitu lill-konsegwenzi ta' tali telf ta' dawl minn għajn waħda

> fuq l-*individual industrial effeciency* tal-attur. Ara Joseph Abela v. Martin Spagnol, Qorti Ċivili, Prim'Awla, *per* Imħallef J. Said Pullicino, 30 ta' Marzu 1993. Għal każ bħal dan jirriżulta li l-qrati tagħna segwew it-tabellarju xjentifiku tal-*weighted average* biex jaslu għal grad ta' debilitazzioni kemm jista' jkun ġust u korrett. Dik il-formula tqis illi, billi l-għaln it-tajba tagħmel tajjeb għan-nuqqas fl-għajn il-korruta, id-debitità globali ma għandhiex tinħadem bħala medja sempliċi bejn l-effiċjenza rispettiva tal-għajnejn, iżda l-effiċjenza tal-għajn it-tajba għandha tingħata piż ta' tliet darbiet aktar minn dik tal-għajn korruta. Il-formula tinħadem bil-mod segwenti: $((t \times 3) + (k \times 1)) \div 4$ fejn $t$ hija l-effiċjenza tal-għajn it-tajba u $k$ hija l-effiċjenza tal-għajn il-korruta.
>
> "In bażi għall-ġurisprudenza enunċjata u b'adozzjoni ta' dan il-metodu, *una volta* stabbilit mill-espert mediku Dr Mario Tabone li l-għajn tal-appellat għandha *efficiency rating* ta' 75%, ġaladarba l-għajn l-oħra għandha *efficiency rating* ta' 100%, il-formula adoperata kellha tagħti dan ir-riżultat: (75 × 1) + (100 × 3) = 375 ÷ 4 = 93.75%. Li jfisser illi la darba l-appellat għandu *industrial effciency* ta' 93.75% hu jiġi li għandu debilitazzjoni permanenti ta' 6.25%.
>
> "Dan l-insenjament tal-ġurisprudenza nostrana kellu, fl-umli fehma tal-esponenti, iġib b'konsegwenza lill-ewwel qorti biex tiddipartixxi mix-xiehda mogħtija mill-espert mediku in eskussjoni f'dak li kkonkluda bħala diżibilita fiżika, permanenti globali fil-grad ta' 25% in kwantu d-diżabilità permanenti globali ma titkejjilx billi jsir tnaqqis bejn 100% u 75% għaliex din mhijiex formola rikonoxxuta mill-ġurisprudenza nostrana, kif fuq spjegat. *Di più* l-ewwel qorti kellha tistrieħ fuq dak li kkonkluda l-espert mediku *in linea* ta' *efficiency rating* li hija d-dijanjosi purament teknika, għaliex huwa attribwibbli għal aċċertamenti xjentifiċi, u mbagħad kellha tkun l-ewwel qorti li għab-bażi ta' dik il-formula stabbilita mill-ġurisprudenza sa mis-sena 1998 li tħaddem l-aċċertament xjentifiku legalment."

44. L-argument tal-konvenut huwa korrett; hija l-premessa fattwali tiegħu li hija ħażina. Huwa skorrett il-konvenut meta jgħid illi huwa "stabbilit mill-espert mediku Dr Mario Tabone li l-għajn tal-appellat għandha *efficiency rating* ta' 75%". L-espert mediku fir-rapport tiegħu jgħid testwalment illi "t-telf ta' vista ta' din l-għajn, weħedha, hi 98%"[7]. Waqt l-eskussjoni mbagħad kompla fisser illi "l-*overall disability* hija ta' 25%"[8]. Id-deposizzjoni hija ċara ma hemmx fejn titfixkel. Kienet

---

[7] *Fol.* 142 tal-proċess tal-ewwel qorti.

[8] *Fol.* 151 tal-proċess tal-ewwel qorti.

għalhekk korretta l-ewwel qorti meta ħadmet il-grad globali ta' debilità fuq il-formula matematika illi l-konvenut stess fisser fir-rikors tal-appell.

45. Dan l-aggravju, illi l-qorti tqisu bħala wieħed fieragħ, huwa miċħud.

46. L-aħħar aggravju jolqot it-tnaqqis minħabba ħlas bil-quddiem ta' telf ta' qligħ tal-ġejjieni, magħruf bħala *lump sum payment benefit*. Dwar dan ressaq aggravju kemm il-konvenut kif ukoll l-attur fl-appell inċidentali tiegħu. L-aggravju tal-konvenut ġie mfisser hekk:

> "Illi għar-rigward tar-riduzzjoni tal-hekk imsejjah *lump sum payment*, l-ewwel qorti adoperat tnaqqis ta' 7%. Għalkemm din il-kawża ġiet istitwita fis-sena 1999, l-esponenti ma għandhux tort għat-trapass taż-żmien mid-data tal-istituzzjoni tal-proċeduri odjerni. U għaldaqstant *in linea* mal-ħsieb tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza Joanne Cassar *v.* Joseph St John m'ghandhux ikun hemm lok (*sic*) għal *lump sum payment benefit* ta' 20%. L-istess linja hadet il-Qorti tal-Appell fil-kawza Micallef St John *v.* Richard Spiteri *et* (15 ta' Jannar 2002)."

47. L-attur wieġeb hekk:

> "... ... ... hi ġurisprudenza *ormai* stabbilita dik li ttenni tgħid li tali riduzzjoni tibda tiddgħajjef progressivament mat-trapass taż-żmien mill-intavolar tal-proċeduri ġudizzjarji sal-ġurnata tas-sentenza finali b'rata ta' 2% għal kull sena dekorsa mill-intavolar sad-data tas-sentenza ... ... ...
>
> "Illi l-ewwel onoraqbbli qorti fil-konsiderazzjonijiet tagħha applikat dan il-prinċipju fejn għamlet riferenza għall-kawża fl-ismijiet Caruana *v.* Camilleri [Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 5 ta' Ottubru 1993] fejn qalet li l-qorti ħasset li minn dan għandu jonqos xi 2% għal kull sena ta' dewmien. L-istess qorti kkunsidrat ukoll li l-inċident seħħ fit-2 ta' Diċembru 1997, il-proċeduri odjerni ġew istitwiti fis-sena 1999 u li s-sentenza finali ngħatat tlettax-il sena u nofs wara. Għalhekk, bil-metodu applikat mill-istess qorti, u *cioè* tnaqqis ta' 2% għal kull sena mill-intavolar tal-proċeduri, it-tnaqqis tal-*lump sum payment* kellu jiġi eliminat kompletament; dan anke fid-dawl tat-trapass ta' żmien li ser ikun hemm sabiex tingħata sentenza finali, għal liema trapass l-esponent ma kellux ħtija."

48. It-tnaqqis ma għandux x'jaqsam ma' jekk l-attur jew il-konvenut għandux ikun penalizzat jew le għax jaħti għad-dewmien: it-tnaqqis isir biex l-attur ma jiħux vantaġġ, u hekk jistagħna bla mistħoqq, meta jieħu bil-quddiem il-qligħ li, li ma kienx għall-inċident, kien jieħdu fil-ġejjieni. Konsegwentement tonqos ir-raġuni għat-tnaqqis meta s-sentenza tingħata, u l-ħlas isir, żmien wara li jkun sar l-inċident.

49. Fil-każ tallum għaddew aktar minn sbatax-il sena minn meta seħħ l-inċident. Effettivament għalhekk l-attur sejjer jirċievi l-kumpens għat-telf ta' qligħ nofsu bil-quddiem u nofsu b'lura, u kull benefiċċju għal-hekk ġie mħassar bid-dewmien. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk, billi l-bene-fiċċju tal-ħlas antiċipat hu paċjut mat-telf minħabba d-dewmien, ma hux il-każ li jsir aġġustament bit-tnaqqis għal-*lump sum benefit*.

50. L-aggravju tal-attur għalhekk għandu jiġi milqugħ u dak tal-konvenut miċħud.

51. Għar-raġunijiet mogħtija fil-para. 34 ta' din is-sentenza d-danni likwidati għandhom jonqsu bi tnax-il elf, ħames mija u sebgħa u disgħin euro (€12,597), u għar-raġunijiet mogħtija fil-para. 39 għandhom ikomplu jonqsu b'elfejn euro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€2,000.93) oħra: b'kollox erbatax-il elf, ħames mija u sebgħa u disgħin euro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€14,597.93).

52. Id-danni likwidati mill-ewwel qorti, qabel it-tnaqqis minħabba *lump sum payment*, kienu tliet mija u ħamsa u sebgħin elf euro (€375,000) bħala

*lucrum cessans* u tletin elf, seba' mija u wieħed u tmenin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€30,781.94) għal dawk li, erronjament[9] *in parte*, qisithom bħala *damnum emergens*: b'kollox erba' mija u ħamest elef, seba' mija u wieħed u tmenin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€405,781.94). Dawn għandhom jonqsu b'erbatax-il elf, ħames mija u sebgħa u disgħin euro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€14,597.93)[10] biex jifdal tliet mija u wieħed u disgħin elf, mija u erbgħa u tmenin euro (€391,184). Ma għandu jsir ebda tnaqqis għal-*lump sum payment*. Billi l-ħtija tal-konvenut hija ta' ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) id-danni li għalihom għandu jagħmel tajjeb jiġu mitejn u tlieta u disgħin elf, tliet mija u tmienja u tmenin euro (€293,388).

53. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tirriforma s-sentenza appellata, u hekk tiddisponi kemm mill-appell ewlieni u kemm mill-appell inċidentali, billi tillikwida d-danni li għalihom għandu jagħmel tajjeb il-konvenut fis-somma ta' mitejn u tlieta u disgħin elf, tliet mija u tmienja u tmenin euro (€293,388) u tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni hekk likwidati. L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu kif regolati fis-sentenzi appellati; l-ispejjeż tal-appell ewlieni jinqasmu hekk: sehem minn ħamsa ($^{1}/_{5}$) jħallsu l-attur u erba' ishma minn ħamsa ($^{4}/_{5}$) jħallashom il-konvenut; dawk tal-appell incidentali jinqasmu bin-nofs.

---

9 Ara para. 27, *supra.*

10 Ara para. 51 supra.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------